# Teleskola.mt Linji Gwida

Kif taċċessa u ssib lezzjonijiet irrekordjati

01

## Kif issib il-websajt

Hemm bosta modi kif taċċessa Teleskola.mt. Tista' sempliċiment iddaħħal "Teleskola.mt" fi kwalunkwe browser.




Tista' tidħol Google u tittajpja "teleskola", li se tidher bħala l-ewwel riżultat kif qed tara fl-istampi t'hawn taħt.







02

## Kif issib it-taqsima tal-lezzjonijiet irrekordjati




Hekk kif tidħol f'Teleskola.mt, għandek issib il-paġna ewlenija ta' Teleskola.mt. Issa tista' taċċessa t-taqsima tal-lezzjonijiet irrekordjati minn żewġ bnadi differenti (liema bnadi se jwassluk għall-istess paġna).

Issa tista', jew tagħżel "Lezzjonijiet Irrekordjati" mill-menu ta' fuq, inkella tagħfas fuq il-buttuna l-ħamra "Lezzjonijiet Irrekordjati" fl-ewwel parti, kif qed tara fl-istampa fuq ix-xellug.

03

## Kif tfittex b'modi differenti




Hemm tliet modi kif tfittex lezzjonijiet irrekordjati fuq Teleskola.mt.

1. Il-lezzjonijiet tal-ġimgħa: hawnhekk se tara l-aħħar lezzjonijiet ta' kull suġġett, skont l-iskeda.

2. Il-lezzjonijiet kollha skont is-sena u s-suġġett: hekk kif tagħżel is-sena skolastika u s-suġġett tal-istudent, se tara l-lezzjonijiet irrekordjati disponibbli.

3. Lezzjonijiet irrekordjati tas-sena skolastika: hekk kif tagħżel is-sena skolastika tal-istudent, se tara l-lezzjonijiet irrekordjati tas-suġġetti kollha ta' dik is-sena partikolari.

04

## Kif tara l-lezzjoni rrekordjata




Hekk kif tagħżel u tagħfas fuq il-lezzjoni li għandek bżonn mil-lista, inti se tidħol f'dik il-lezzjoni rrekordjata, kif qed tara fl-istampa. Kull lezzjoni rrekordjata hija mqassma l-istess: il-filmat li jieħu l-maġġorparti tal-iskrin; u fuq il-lemin tal-filmat issib ir-riżorsi kollha neċessarji li tista' tniżżel biex taħdem il-lezzjoni d-dar, kif ukoll deskrizzjoni qasira tal-lezzjoni li tkun qed tagħmel.